*Digriet kamerali ta' sostituzzjoni ta' attur*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Digriet mogħti *in camera* llum 12 ta' Jannar 2019**

## Rikors Nru. 296/2010GM

**LOMBARD BANK MALTA PLC u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2019**

**Marclem Limited assumiet l-atti minflok il-Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**POWER POINT LIMITED BĦALA DEBITUR PRINĊIPALI U**

**J.J LIMITED, MARCLEM LIMITED, JOSEPH MIZZI U CLEMENT GAUCI BĦALA GARANTI SOLIDALI u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2019 il-kawża ġiet ċeduta**

**fil-konfront ta' Marclem Limited**

Il-Qorti

Rat ir-rikors konġuntiv ta’ Lombard Bank Malta p.l.c. u ta’ Marclem Limited ippreżentat fit-13 ta’ Novembru 2017 (fol 466);

Rat il-provvediment tagħha fl-udjenza tal-15 ta’ Novembru 2017 li permezz tiegħu tat lill-konvenuti għaxart ijiem min-notifika tal-istess rikors biex iwieġbu u l-provvediment fl-udjenza tal-25 ta’ Jannar 2018 li bih awtorizzat in-notifika bil-mezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni taħt l-Art. 187 tal-Kap 12;

Rat li l-konvenuti ġew notifikati bil-proċedura fuq indikata u fi kwalunkwe każ Clement Gauci nforma lill-Qorti fl-udjenza tas-17 t’Ottubru 2018 li kien ġie notifikat;

Rat li ma ġiet ippreżentata l-ebda risposta għar-rikors in kwistjoni;

Billi m’hemmx raġuni l-għaliex ir-rikors m’għandux jiġi milqugħ;

Tilqa’ talba numru (1) u tirriduċi l-ammont ta’ sorte mitlub għas-somma ta’ €53,531.88 filwaqt li jibqgħu impreġudikati l-ispejjeż u l-imgħaxijiet;

Tilqa’ talba numru (2) biex Marclem Limited tassumi l-atti tal-kawża bħala attriċi minflok Lombard Bank Malta p.l.c.;

Tilqa’ t-tielet talba li l-kawża tiġi ċeduta fil-konfront tal-istess Marclem Limited filwaqt lil tibqa’ żżommha ferma fil-konfront tal-konvenuti l-oħra;

Tordna li dan it-tibdil jiġi rreġistrat fl-okkjo tal-kawża.

Grazio Mercieca

Imhallef